**Kunsill Lokali Il-Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Il-Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg6/A11-13

2 ta'Jannar 2013

**<u>Avviż tal-Laqgħa Nru Klg6/11</u>**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar it-**Tlieta 8 ta' Jannar 2013, fil-5.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Il-Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet
5. Laqgħa tal-Lokalita'
6. Affarijiet oħra
7. Laqgħa oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skont il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Roberto Cristiano
Sindku

Hugh Zammit
Aġent Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali IL-Gżira

13 ta' Frar 2013

Ref Nru.Klg6/011

Minuti tal-laqgħa Nru Klg6/011 li saret it-Tlieta 8 ta' Jannar 2013

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.00 p.m.

**Preżenti**

Ħames membri tal-Kunsill li kienu, s-Sindku Roberto Cristiano, il-Viċi-Sindku Joe Galea, Vincenza Attard, Joseph M. Muscat u Charles Micallef St John flimkien ma' l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Hugh Zammit.

**Skużati**

l-Kunsillieri Victor Rutter minħabba li miet missieru u Joe Camilleri minħabba mpenn ieħor.

It-talba ġiet offruta għar-ruħ il-missier tal-Kunsillier sopracitat.

***Chairman***

Is-Sindku Roberto Cristiano ppreseda l-laqgħa.

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fit-2 ta' Jannar 2013.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-minuti tal-laqgħa Nru: Klg6/011 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati kif emmendati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku.

## 2. Materji Konnessi

**2.1 Paġna Nru: 2 – para 2.2** – Il-Kunsillier Charles Micallef St. John informa, li l-laqgħa dwar is-suq (monti) kienet saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u għaliha barra hu kienu attendew il-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Joe Camilleri.

Matul id-diskussjoni li saret, ġiet rrakkomandata Triq Sir Patrick Stuart bħala s-sit ideali u l-Kunsillier Joe Camilleri kellu jindaga aktar fid-dettal mal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.
Il-Viċi-Sindku qal, li l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara ma kienx bagħat ebda risposta u għalhekk, kien għamel kuntatt mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi.

Għaldaqstant, ġie deċiż li dan il-Kumitat għandu jkun involut aktar f'din il-materja.

**2.2 Paġna Nru: 2 para 2.1 –** Iċ-*Chairman* informa li l-laqgħa mat-*Transport Malta* kienet saret fis-26 ta' Diċembru 2012. Għal din il-laqgħa kienu preżenti l-Viċi-Sindku u l-Kunsillieri Charles Micallef St. John, J.M. Muscat u Victor Rutter.

Huwa kompla jgħid, li mill-aħħar laqgħa li kienet saret fil-Kunsill, *Transport Malta* kienet qed tipproponi xi tibdil, li minflok li iż-żewġ karreġatti jintużaw għat-traffiku, dik ta' fuq ġewwa ssir *bus lane* filwaqt li dik tan-naħa ta' barra ssir għat-traffiku u b'hekk ma jkunx hemm bżonn għall-*land reclaimation* li kienet ser tqum ammont sostanzjali ta' fondi lit-*Transport Malta*.
Huwa konkluda billi qal, li din ma kienitx l-aħħar deċiżjoni għaliex kien għad irid isir aktar studju fid-dettal.

**2.3 Paġna Nru: 4 para 7.2 –** Iċ-*Chairman* nforma li l-attivita' *Christmas Village* li saret fid-29 ta' Diċembru 2012 fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa kienet suċċess. Huwa kompla jgħid, li r-residenti apprezzaw ix-xogħol li sar sabiex din segħtet issir pero' fl-opinjoni tiegħu s-sena d-dieħla din l-attivita' għanda tibda qabel u ssir f'post aktar ċentralizzat.

Kemm il-Viċi-Sindku kif ukoll, il-Kunsillier Charles Micallef St. John qalu, li din kienet l-ewwel darba iżda jekk terġa' ssir, il-Kunsill kollu għandu jkun involut.

**2.4 Paġna Nru: 5 para 8.3 –** Il-Viċi-Sindku qal, li fl-opinjoni tiegħu, x-xogħol sabiex jitneħħa l-*gravel* mis-*central strip* fix-Xatt, għandu jsir mill-ħaddiema ta' l-*E.L.C.*

Il-Kunsill qabel ma' l-opinjoni tal-Viċi-Sindku u għalhekk, hu ha l-inkarigu li jagħmel kuntatt ma' dawn il-ħaddiema.

## 3. Korrispondenza

**3.1** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kient waslet sat-8 ta' Jannar 2013, kif ukoll, ingħatat informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2** Inqrat il-korrispondenza li rċevejna u dik li ntbagħtet fosthom,

**3.3** Iċ-*Chairman*, ppreżenta rapport mibgħut mid-ditta *Wallace Farrugia & Associates* dwar kostruzzjoni fi Pjazza Meme' Scicluna fejn fost affarijiet oħra ngħatat spjegazzjoni ta' kif kien ser isir ix-xogħol minħabba l-fatt li hemm il-bankina wiegħsa ħafna kif ukoll, fejn kienu ser jitpoġġew jew jiġu *stored* l-i*street furniture* inkluż il-monument ta' Meme' Scicluna. Huwa kompla jgħid, li dan ir-rapport kien intbagħat lill-Perit tal-Kunsill għall-kummenti tiegħu.

Inqara r-rapport tal-Perit tal-Kunsill fejn fih iċċertifika li l-permess għall-kostruzzjoni sopracitata seta' jinħareġ mill-Kunsill pero' jkun marbut mal-kummenti u l-kundizzjonijiet ta' l-istess rapport (ara *appendix* Nru: 1)

Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku.

**3.4** Inqara rapport mibgħut mill-Perit tal-Kunsill dwar xogħlijiet ta' bankini fit-toroq:

Bouverie
Belvedere (sa Pjazza Meme' Scicluna)
Ganni Bencini
Edgar Bernard
Moroni
Luqa Briffa
Manoel de Vilhena ( 'l biċċa ta' fuq)
Nazju Ellul (Misraħ Turu Colombo sa Triq San Gorg)
Sliema
San Albert ( Pjazza Meme' sa Triq Parisio)

L-ammont ta' dawn ix-xogħlijiet huwa ta' €412,956.93 VAT inkluża.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li jsiru t-toroq Belvedere (sa Pjazza Meme' Scicluna), Ganni Bencini u San Albert (Pjazza Meme' sa Triq Parisio) li kienu jammontaw madwar €99,000 liema ammont kien ser jiġi ffinanzjat mill-*U.I.F.*

Iċ-*Chairman* qal, li wara li jitlestew dawn it-toroq, isiru tlett toroq oħra u l-Perit tal-Kunsill li kien ser ikun involut f'dan il-proġett kien ser jaħdem bi prijoritajiet u jsiru xogħlijiet fejn l-aktar ikun hemm bżonn.

Għaldaqstant, il-Kunsill qabel li għandha ssir l-applikazzjoni mill-Perit tal-Kunsill, liema applikazzjoni, tintbagħat lill-*M.E.P.A.* mill-aktar fis.

**3.5** Rigward il-*Group Health Policy* għall-membri u l-impjegati tal-Kunsill mibgħuta mill-A.K.L. biex tiġġeded, ċ-*Chairman* spjega li kien għad irid jindaga aktar fid-dettal sabiex jiġi stabilit liema tkun l-aħjar polza għall-membri u l-impjegati tal-Kunsill.

**3.6** Iċ-*Chairman* informa li l-*end of year financial report* għandu jitlesta sal-21 ta' Frar 2013.

**3.7** Il-Kunsill ġie nfurmat li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

**4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet**

**4.1** Tressqet l-iskeda tal-Ħlasijiet Klg06/11 minn Nru:477 sa Nru:508 (ara *appendix* Nru:2) għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget* .

**4.2** Wara diskussjoni qasira, l-iskeda tal-ħlasijiet sopracitata, ġiet approvata unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi Sindku Joe Galea.

**5. Laqgħa tal-Lokalita'**

**5.1** Rigward is-suġġett sopracitat, iċ-*Chairman* qal, li fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill kien ser jiġi ppreżentat il-*budget* għas-sena 2013, wara li jiġi diskuss u approvat mill-Kunsill, jiġi moqri waqt il-laqgħa tal-lokalita.'

Wara diskussjoni qasira, ttieħdet deċiżjoni unanima li l-laqgħa tal-lokalita' ssir wara id-9 ta' Marzu 2013 u dan minħabba raġunijiet ovji.

**5.2** Il-Kunsillier Vincenza Attard telqet fis-6.45 p.m. minħabba mpenn ieħor.

**6. Affarijiet oħra**

**6.1** Iċ-*Chairman* qal, li kien qed jirċievi diversi lmenti mingħand residenti li joqgħodu fi Triq Carlo Manche' li qed jispiċċaw bi kwantita' ta' ilma fir-residenza tagħhom kull meta jagħmel il-maltemp minħabba li vetturi li jgħaddu b'veloċita' jtajru l-ilma fuq il-faċċati tad-djarhom.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill kkonkluda li l-aħjar rimedju jkun li tiġi nstallata *traffic calming measure* u għalhekk, għandu jsir kuntatt mat-*Transport Malta* dwar din il-materja u dan l-inkarigu kien ser jieħu ħsieb iċ-*Chairman*.

**6.2** Iċ-*Chairman* nforma li kienu bdew xogħlijiet ta' manutenzjoni bħal żebgħa,tindif u xogħlijiet oħra fil-lokalita'. Dan ix-xogħol kien qed isir minn ħaddiema ta' l-*E.T.C.* Ġew identifikati diversi żoni fosthom il-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa u x-xgħol fih kien diġa' beda'. Kif din iż-żona titlesta tkun tista' ssir żona oħra.

Il-Kunsillier J.M. Muscat qal, li jkun ferm importanti li jiġi mqiegħed il-madum nieqes li hemm ħdejn il-gazebos għaliex jekk dawn ix-xogħlijiet ma jsirux immedjatament, il-konsegwenza tkun li dan il-madum tat-terracotta jkompli jinqala' u jiġi nieqes mill-post.

**6.3** Il-Viċi-Sindku staqsa jekk kienitx waslet xi nformazzjoni dwar ir-reservoir ta' l-ilma minħabba l-fatt, li xi residenti kienu qed jilmentaw li meta tagħmel ix-xita u dan ifur, qed ikun ta' nkonvenjent għar-residenti tal-madwar.

Iċ-*Chairman* informa li hu kellu nformazzjoni mingħand il-Perit inkarigat mix-xogħlijiet, li r-reservoir kien ser inaqqas drastikament mill-problema ta' l-għarar peress li dan kien ser jiġġenera kwantita' ta' ilmijiet u b'hekk ser titnaqqas il-pressa li biha jinżel l-ilma fuq ir-residenti. Huwa kompla jgħid, li kien ser jerġa' jikkuntattja lill-Perit responsabbli.

**6.4** Il-Viċi-Sindku qal, li kien ser jagħmel kuntatt mas-sidien tas-*Savoy Gardens* bil-għan li l-Kunsill ikollu t-titlu ta' l-arja kif ukoll, l-aperturi u l-faċilitajiet sanitarji. Hu kien ser jinforma bil-progress fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**6.5** Il-Kunsill iddiskuta dwar xiri jew kiri ta' vettura *second hand* liema vettura tibda tintuża għall-ħtiġijiet tal-Kunsill.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal, li hu kien ha parir li la darba din il-vettura kienet ser tintuża minn nies differenti, hu kien ta' l-opinjoni li din il-vettura tkun tal-kiri u tkun koperta b'polza debita ta' assigurazzjoni *fully comprehensive* mill-kumpanija u f'każ ta' aċċident stradali, l-Kunsill ma jbatix danni apparti l-*excess* skont il-polza relattiva. Il-Kumpanija mingħand min tinkera l-vettuta tkun ukoll responsabbli għal-*VRT test*, licenzjar u manutenzjoni li l-vettura jkollha bżonn minn żmien għal żmien.

Wara din id-diskussjoni, l-Kunsill iddeċieda li tiġi ppubblikata l-offerta u skont l-eżitu, tintgħażel dik l-offerta li tkun adatta għall-Kunsill.

**6.6** Iċ-*Chairman* qal, li fl-opinjoni tiegħu kien wasal iż-żmien li kemm l-onorarja tas-Sindku kif ukoll, is-salarji ta' l-impjegati jibdew jitħallsu kull erba' ġimgħat minflok is-sistema eżistenti jiġifieri, kull xahar. Għalhekk kienu ntbagħtu xi kwotazzjonijiet (ara *appendix* Nru: 3) li kienu:

*Dakar Software Systems*
*Shireburn Software*
*Megabyte Total Computer Solutions*

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John li tintgħażel id-ditta *Megabyte Total Computer Solutions* minħabba li l-offerta kienet l-aktar waħda vantaġġuża.

**7. Laqgħa oħra**

Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra għad-diskussjoni l-laqgħa ntemmet fis-7:30 p.m. u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 13 ta' Frar 2013 fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Roberto Cristiano | Hugh Zammit |
| Sindku | Agent Segretarju Eżekuttiv |

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/11**

## Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgha Klg6/11 - 08 .01.2013** **Data:** **11.12.2012 - 08.01.2013**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Squire Bookshop | €62.30 | €62.30 | D | | Newspapers for the month of November 2012 | 30.11.2012 | 635 | 477 | | | |
| 2 | J.F. Mallia Ltd | €106.00 | €106.00 | D | | Street Light Job No: 285 | 10.12.2012 | 830 | 478 | | | |
| 3 | Joe Bugeja & Associates | €268.07 | €268.07 | T | | Arch. Services for November 2012 | 11.12.2012 | rfp 1102 | 479 | | | |
| 4 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €50.48 | €50.48 | T | | Road Markings Job No: 11997 | 05.11.2012 | 17271 | 480 | | | |
| 5 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €38.14 | €38.14 | T | | Traffic Signs Job No: 9554 | 21.11.2012 | 17286 | 481 | | | |
| 6 | EcoPure Ltd | €8.50 | €8.50 | D | | Drinking Water for Adm Office | 12.12.2012 | 533557 | 482 | | | |
| 7 | Spoons | €32.90 | €32.90 | D | | Kettle for Adm Office | 18.12.2012 | 95 | 483 | | | 8144 |
| 8 | MaltaPost Plc | €77.65 | €77.65 | D | | Distribution of Impenn Christmas issue | 17.12.2012 | Gżira LC6 | 484 | | | 8145 |
| 9 | Venture Trading | €52.04 | €52.04 | D | | Stationery | 19.12.2012 | 19689 | 485 | | | |
| 10 | WasteServ Malta Ltd | €4,064.39 | €4,064.39 | D | | Allocated MSW Waste - November 2012 | 15.12.2012 | 030296 | 486 | | | |
| 11 | The Toolbox | €24.58 | €24.58 | D | | Maintenance benches & Garden | 27.11.2012 | 11542 | 487 | | | |
| 12 | Melita Plc | €262.85 | €262.85 | D | | Hello Service & Usage 08.12.2012 - 07.01.2013 | 28.11.2012 | 198537 | 488 | | | |
| 13 | Miller Distributors Ltd | €149.02 | €149.02 | D | | Books for Public Library | 19.12.2012 | 175016 | 489 | | | |
| 14 | Miller Distributors Ltd | €167.98 | €167.98 | D | | Books for Public Library | 28.12.2012 | 176119 | 490 | | | |
| 15 | Venture Trading | €550.00 | €550.00 | D | | Shredder for Adm Office | 02.01.2013 | 19714 | 491 | | | |
| 16 | Calcidonio Ciantar | €210.00 | €210.00 | D | | Servizz - attivita' 29.12.2012 | 30.12.2012 | | 492 | | | |
| 17 | Valentina Comm. Ltd 2012 | €289.10 | €289.10 | D | | Advertising - attivita' 29.12.2012 | 19.12.2012 | 1276 | 493 | | | |
| 18 | Studio Communications | €330.40 | €330.00 | D | | Art Work | 04.01.2013 | 853 | 494 | | | |
| 19 | J.F. Mallia Ltd | €576.93 | €576.93 | D | | New Luminaire & Maint of Street Lights | 31.12.2012 | 845 | 495 | | | |
| 20 | J.F. Mallia Ltd | €25.96 | €25.96 | D | | Maint near monumenti The Strand | 31.12.2012 | 845 | 495 | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€7,347.29** | **€7,346.89** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€7,347.29** | **€7,346.89** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

Kunsill Lokali: Il-Gzira

Skeda Nru: Klg6/11

# Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Laqgħa Klg6/11 - 08 .01.2013 Data: 11.12.2012 - 08.01.2013

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Best Wishes | €51.09 | €51.09 | D | | Stationery | 31.12.2012 | 2397783 | 496 | | | |
| 22 | Environmental L/Scapes Con | €2,212.92 | €2,212.92 | T | | Miant of Soft Areas - December 2012 | 31.12.2012 | 009279 | 497 | | | |
| 23 | G4S Security Services Malta | €123.90 | €123.90 | D | | Cash In Transit - December 2012 | 31.12.2012 | GS006627 | 498 | | | |
| 24 | Squire Bookshop | €65.45 | €65.45 | D | | Newspapers for the month of Decembner 2012 | 31.12.2012 | 694 | 499 | | | |
| 25 | Borg Hardware Store | €52.50 | €52.50 | D | | Cage for Pigeons | 26.12.2012 | 105 | 500 | | | |
| 26 | Borg Hardware Store | €44.00 | €44.00 | D | | Maint Central Strip | 04.01.2013 | 106 | 501 | | | |
| 27 | Alexandra Galea | €375.00 | €375.00 | Q | | Craft Lessons - January 2013 | 31.01.2013 | 39 | 502 | | | |
| 28 | Emanuel Mifsud | €5,590.50 | €5,590.50 | T | | Door to Door Collection - January 2013 | 31.01.2013 | 60 | 503 | | | |
| 29 | Emanuel Mifsud | €432.87 | €432.87 | T | | Skip Hire - January 2013 | 31.01.2013 | 61 | 504 | | | |
| 30 | Emanuel Mifsud | €836.06 | €836.06 | T | | Public Convenience - January 2013 | 31.01.2013 | 62 | 505 | | | |
| 31 | Emanuel Mifsud | €1,001.75 | €1,001.75 | T | | Bulky Refuse - 183 Calls - Dec 2012 | 31.01.2013 | 63 | 506 | | | |
| 32 | Joe Borg | €46.59 | €46.59 | D | | Duck Food - January 2013 | 31.01.2013 | 45 | 507 | | | |
| 33 | MaltaPost | €77.63 | €77.63 | D | | Distribution of Impenn - Oct 2012 | 24.10.2012 | Gzira LC5 | 508 | | | |
| 34 | | | | | | | | | | | | |
| 35 | | | | | | | | | | | | |
| 36 | | | | | | | | | | | | |
| 37 | | | | | | | | | | | | |
| 38 | | | | | | | | | | | | |
| 39 | | | | | | | | | | | | |
| 40 | | | | | | | | | | | | |

| | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€10,910.26** | **€10,910.26** |
| **Sub Total b/f** | **€7,347.29** | **€7,346.89** |
| **Total** | **€18,257.55** | **€18,257.15** |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Approvati fis-Seduta Nru:

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier